DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Novembru 2010

dwar kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mill-Unjoni għall-2010 għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għal ċerti proġetti fil-qasam tal-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tas-sajd

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7996)

(It-testi bid-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, it-Taljan, il-Latvjan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, l-Ispanjol, u l-Isvediż biss huma awtentiċi)

(2010/711/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar [1], b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi tat-talbiet għal kofinanzjament mill-Unjoni li ġew ippreżentati mill-Istati Membri fil-programmi tagħhom tal-kontroll tas-sajd għall-2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2010/352/UE [2], liema Deċiżjoni ma użatx il-baġit kollu disponibbli għall-kontroll tas-sajd fl-2010.

(2) Dik il-parti mhux użata tal-baġit tal-2010 issa għandha tiġi allokkata permezz ta' Deċiżjoni ġdida.

(3) F'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, l-Istati Membri ntalbu jippreżentaw programmi marbuta ma' finanzjament addizzjonali fl-oqsma ta' prijorità ddefiniti mill-Kummissjoni, jiġifieri l-awtomazzjoni u l-ġestjoni tad-dejta, teknoloġiji ġodda, u seminars fil-qasam tas-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolatat (IUU).

(4) Fuq dik il-bażi, rikjesti fil-programmi għal finanzjament mill-Unjoni relatati ma' azzjonijiet bħal proġetti pilota, taħriġ u programmi ta' skambju kif ukoll il-bini ta' bastimenti u inġenji tal-ajru għas-sorveljanza, ġew irrifjutati peress li ma kinux parti mill-oqsma ta' prijorità ddefiniti hawn fuq.

(5) Fi ħdan l-oqsma ta' prijorità indikati mill-Kummissjoni, ma setgħatx tiġi aċċettata n-nefqa eliġibbli kollha fil-programmi, minħabba restrizzjonijiet baġitarji. Il-Kummissjoni għażlet il-proġetti li għandhom jiġu kkofinanzjati abbażi tal-konformità tagħhom mal-prijoritajiet definiti mill-Kummissjoni. Rigward tagħmir elettroniku ta' rrekordjar u ta' rappurtar, ingħatat prijorità lil tagħmir li jikkombina l-funzjonijiet ERS u VMS

(6) L-applikazzjonijiet li jirrigwardaw l-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistgħu jikkwalifikaw għall-finanzjament mill-Unjoni.

(7) L-applikazzjonijiet għal finanzjament mill-Unjoni għandhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 [3].

(8) Huwa xieraq li jiġu ffissati l-ammonti massimi u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-limiti stabbiliti bl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tingħata t-tali kontribuzzjoni.

(9) Sabiex jitħeġġeġ l-investiment fl-azzjonijiet prijoritarji ddefiniti mill-Kummissjoni, u fid-dawl tal-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja fuq il-baġits tal-Istati Membri, in-nefqa relatata mal-oqsma ta' prijorità msemmija hawn fuq għandha tibbenefika minn rata għolja ta' kofinanzjament, fil-limiti stabbiliti bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

(10) Sabiex wieħed jikkwalifika għall-kontribuzzjoni, it-tagħmir tal-lokalizzazzjoni awtomatiku għandu jissodisfa r-rekwiżiti ffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-Sistemi ta' Sorveljanza tal-Vapuri [bastimenti] bażata fuq satellita [bbażati fuq is-satelliti] [4].

(11) Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni, it-tagħmir ta' reġistrazzjoni u rappurtar elettroniku abbord il-bastimenti tas-sajd għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1077/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1566/2007 [5].

(12) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

[1] ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 160, 26.6.2010, p. 11.
[3] ĠU L 97, 12.4.2007, p. 30.
[4] ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.
[5] ĠU L 295, 4.11.2008, p. 3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-suġġett

Din id-Deċiżjoni tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-2010 għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri fl-2010 fl-implimentazzjoni ta' ċerti proġetti marbuta ma' sistemi tal-monitoraġġ u l-kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd (PKS), kif jissemma fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006. Tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal kull Stat Membru, ir-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni u l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tingħata t-tali kontribuzzjoni.

Artikolu 2

Għeluq tal-impenji pendenti

Il-pagamenti kollha li għalihom qed jintalab rimborż għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat sat-30 ta' Ġunju 2014. Il-pagamenti li jsiru mill-Istat Membru wara dik id-data ta' skadenza mhumiex se jkunu eliġibbli għar-rimborż. L-approprjazzjonijiet tal-baġit mhux użati relatati ma' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu diżimpenjati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 3

Teknoloġiji ġodda u netwerks tal-IT

In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness I, biex jiġu stabbiliti teknoloġiji ġodda u netwerks tal-IT għal finijiet ta' ġbir u ġestjoni effiċjenti u siguri ta' dejta relatata mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli fil-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 4

Tagħmir tal-lokalizzazzjoni awtomatika

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness II, għax-xiri u l-istallazzjoni abbord bastimenti tas-sajd ta' tagħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika li jippermetti li l-bastimenti jiġu mmonitorjati mill-bogħod minn ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd permezz tas-sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-pargrafu 1 għandha tkun limitata għal EUR 2 500 kull bastiment.

3. Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1, tagħmir tal-lokalizzazzjoni awtomatika għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2244/2003.

Artikolu 5

Sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar

In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness III, għall-iżvilupp, ix-xiri, l-istallazzjoni u l-għajnuna teknika għall-komponenti meħtieġa mis-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS), sabiex l-iskambju tad-dejta jkun effiċjenti u sikur fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 6

Tagħmir ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar elettroniku

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness IV, għax-xiri u l-istallazzjoni abbord bastimenti tas-sajd ta' tagħmir ERS li jippermetti li l-bastimenti jirreġistraw u jirrappurtaw elettronikament dejta dwar l-attivitajiet tas-sajd lil Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli fi ħdan il-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun limitata għal EUR 3 000 kull bastiment, bla ħsara għall-paragrafu 4.

3. Sabiex jikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja tagħmir tal-ERS għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1077/2008.

4. Fil-każ ta' tagħmir li jikkombina l-funzjonijiet ERS u VMS, u li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2244/2003 u (KE) Nru 1077/2008, il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal EUR 4 500.

Artikolu 7

Inizjattivi għas-sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli tal-PKS

In-nefqa mġarrba fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness V, għal inizjattivi li jinkludu seminars u għodod tal-midja mmirati biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost is-sajjieda u partijiet oħra involuti bħalma huma spetturi, prosekuturi pubbliċi u mħallfin, kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali, dwar il-ħtieġa li jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolatat (IUU) u għall-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid ta' kontroll, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 8

Kontribuzzjoni totali massima mill-Unjoni għal kull Stat Membru

In-nefqa totali ppjanata, in-nefqa totali għall-proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni u l-kontribuzzjoni totali massima mill-Unjoni għal kull Stat Membru allokata skont din id-Deċiżjoni huma kif ġej:

(f'EUR)

L-Istat Membru	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Il-Belġju	235 000	222 500	195 000
Id-Danimarka	2 284 608	907 124	816 412
Il-Ġermanja	1 367 695	1 151 035	1 035 932
L-Estonja	161 803	89 835	80 852
L-Irlanda	2 145 000	580 000	330 000
Il-Greċja	9 150 000	1 800 000	1 620 000
Spanja	400 000	0	0
Franza	7 429 203	2 424 000	2 181 600
L-Italja	10 890 000	4 040 000	3 636 000
Ċipru	100 000	70 000	63 000
Il-Latvja	11 459	0	0
Malta	358 029	8 460	7 614
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2 085 000	157 500	141 750
Il-Polonja	1 091 633	922 493	830 243
Il-Portugall	3 105 763	2 408 000	1 354 500
Ir-Rumanija	30 500	0	0
L-Isvezja	1 674 595	103 541	93 187
Ir-Renju Unit	1 610 375	1 178 824	1 060 940
Total	44 130 664	16 063 311	13 447 030

Artikolu 9

Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Maria DAMANAKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

TEKNOLOĠIJI ĠODDA U NETWERKS TAL-IT

(f'EUR)

L-Istat Membruu l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Il-Belġju			
BE/10/04	200 000	200 000	180 000
Subtotal	200 000	200 000	180 000
Id-Danimarka			
DK/10/15	67 194	67 194	60 475
DK/10/16	33 597	0	0
DK/10/17	1 343 887	0	0
Subtotal	1 444 679	67 194	60 475
Il-Ġermanja			
DE/10/22	24 000	0	0
DE/10/23	14 000	0	0
Subtotal	38 000	0	0
L-Estonja			
EE/10/07	10 898	0	0
Subtotal	10 898	0	0
L-Irlanda			
IE/10/13	75 000	0	0
IE/10/14	300 000	0	0
IE/10/15	70 000	0	0
IE/10/16	100 000	0	0
IE/10/22	340 000	0	0
Subtotal	885 000	0	0
Il-Greċja			
EL/10/13	2 000 000	0	0
EL/10/14	800 000	0	0
Subtotal	2 800 000	0	0
Spanja			
ES/10/08	400 000	0	0
Subtotal	400 000	0	0
Franza			
FR/10/12	3 340 000	0	0
Subtotal	3 340 000	0	0
L-Italja			
IT/10/12	340 000	340 000	306 000
IT/10/13	1 100 000	0	0
IT/10/14	1 850 000	0	0
Subtotal	3 290 000	340 000	306 000

(f'EUR)

L-Istat Membruu l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Ċipru			
CY/10/04	30 000	0	0
Subtotal	30 000	0	0
Il-Latvja			
LV/10/01	11 459	0	0
Subtotal	11 459	0	0
Malta			
MT/10/01	314 825	0	0
Subtotal	314 825	0	0
Il-Pajjiżi l-Baxxi			
NL/10/18	340 000	0	0
Subtotal	340 000	0	0
Il-Polonja			
PL/10/05	7 346	0	0
PL/10/06	4 897	0	0
Subtotal	12 244	0	0
Il-Portugall			
PT/10/01	148 050	0	0
Subtotal	148 050	0	0
Ir-Rumanija			
RO/10/08	14 000	0	0
RO/10/09	6 000	0	0
RO/10/10	7 500	0	0
Subtotal	27 500	0	0
L-Isvezja			
SE/10/11	103 541	103 541	93 187
SE/10/12	350 000	0	0
SE/10/13	500 000	0	0
Subtotal	953 541	103 541	93 187
Ir-Renju Unit			
UK/10/63	3 662	0	0
UK/10/65	5 772	0	0
UK/10/66	11 765	0	0
UK/10/70	8 235	0	0
UK/10/73	4 706	0	0
UK/10/74	706	0	0
UK/10/75	5 529	0	0
Subtotal	40 375	0	0
Total	14 286 571	710 735	639 662

ANNESS II

TAGĦMIR TAL-LOKALIZZAZZJONI AWTOMATIKA

(f'EUR)

L-Istat Membruu l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Il-Belġju			
BE/10/05	12 500	0	0
Subtotal	12 500	0	0
Il-Ġermanja			
DE/10/20	12 000	0	0
DE/10/33	66 660	0	0
Subtotal	78 660	0	0
L-Estonja			
EE/10/05	40 905	0	0
Subtotal	40 905	0	0
L-Irlanda			
IE/10/20	160 000	0	0
Subtotal	160 000	0	0
Il-Greċja			
EL/10/15	3 360 000	0	0
EL/10/16	950 000	0	0
EL/10/17	240 000	0	0
Subtotal	4 550 000	0	0
Franza			
FR/10/10	1 520 000	0	0
Subtotal	1 520 000	0	0
L-Italja			
IT/10/15	3 300 000	0	0
IT/10/16	600 000	0	0
Subtotal	3 900 000	0	0
Ċipru			
CY/10/05	70 000	70 000	63 000
Subtotal	70 000	70 000	63 000
Malta			
MT/10/02	22 000	0	0
MT/10/03	12 744	0	0
Subtotal	34 744	0	0
Il-Pajjiżi l-Baxxi			
NL/10/16	87 500	0	0
Subtotal	87 500	0	0

(f'EUR)

L-Istat Membruu l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Ir-Rumanija			
RO/10/05	3 000	0	0
Subtotal	3 000	0	0
L-Isvezja			
SE/10/14	401 222	0	0
SE/10/15	112 750	0	0
Subtotal	513 972	0	0
Ir-Renju Unit			
UK/10/100	20 588	0	0
UK/10/103	250 000	0	0
UK/10/105	120 588	0	0
Subtotal	391 176	0	0
Total	11 362 457	70 000	63 000

ANNESS III

SISTEMI ELETTRONIĊI TA' REĠISTRAZZJONI U TA' RAPPURTAR

(f'EUR)

L-Istat Membru u l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Il-Ġermanja			
DE/10/26	50 000	0	0
DE/10/29	50 000	0	0
Subtotal	100 000	0	0
L-Irlanda			
IE/10/18	100 000	100 000	90 000
IE/10/21	520 000	0	0
Subtotal	620 000	100 000	90 000
Franza			
FR/10/11	145 203	0	0
Subtotal	145 203	0	0
Il-Pajjiżi l-Baxxi			
NL/10/15	1 500 000	0	0
Subtotal	1 500 000	0	0
Il-Polonja			
PL/10/07	61 217	61 217	55 096
PL/10/08	14 693	0	0
PL/10/09	48 974	48 974	44 076
Subtotal	124 884	110 191	99 172
L-Isvezja			
SE/10/16	207 082	0	0
Subtotal	207 082	0	0
Total	2 697 169	210 191	189 172

ANNESS IV

TAGĦMIR TA' REĠISTRAZZJONI U TA' RAPPURTAR ELETTRONIKU

(f'EUR)

L-Istat Membruu l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Il-Belġju			
BE/10/06	22 500	22 500	15 000
Subtotal	22 500	22 500	15 000
Id-Danimarka			
DK/10/20	839 930	839 930	755 937
Subtotal	839 930	839 930	755 937
Il-Ġermanja			
DE/10/28	349 965	349 965	314 969
DE/10/30	612 070	612 070	550 863
DE/10/31	84 000	84 000	75 600
DE/10/32	105 000	105 000	94 500
Subtotal	1 151 035	1 151 035	1 035 932
L-Estonja			
EE/10/06	110 000	89 835	80 852
Subtotal	110 000	89 835	80 852
L-Irlanda			
IE/10/19	480 000	480 000	240 000
Subtotal	480 000	480 000	240 000
Il-Greċja			
EL/10/18	1 800 000	1 800 000	1 620 000
Subtotal	1 800 000	1 800 000	1 620 000
Franza			
FR/10/09	2 424 000	2 424 000	2 181 600
Subtotal	2 424 000	2 424 000	2 181 600
L-Italja			
IT/10/17	3 700 000	3 700 000	3 330 000
Subtotal	3 700 000	3 700 000	3 330 000
Il-Pajjiżi l-Baxxi			
NL/10/17	157 500	157 500	141 750
Subtotal	157 500	157 500	141 750
Il-Polonja			
PL/10/10	305 598	305 598	275 038
PL/10/11	59 503	59 503	53 553
PL/10/12	447 200	447 200	402 480
PL/10/13	21 500	0	0
PL/10/14	35 000	0	0
PL/10/15	85 705	0	0
Subtotal	954 506	812 301	731 071

(f'EUR)

L-Istat Membruu l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Il-Portugall			
PT/10/02	2 408 000	2 408 000	1 354 500
Subtotal	2 408 000	2 408 000	1 354 500
Ir-Renju Unit			
UK/10/76	70 588	70 588	63 529
UK/10/99	16 471	16 471	14 824
UK/10/101	200 000	200 000	180 000
UK/10/102	795 294	795 294	715 765
UK/10/104	96 471	96 471	86 824
Subtotal	1 178 824	1 178 824	1 060 941
Total	15 226 294	15 063 924	12 547 582

ANNESS V

INIZJATTIVI GĦAS-SENSIBILIZZAZZJONI DWAR IR-REGOLI TAL-PKS

(f'EUR)

L-Istat Membru u l-kodiċi tal-proġett	In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd għall-2010	In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni	Kontribuzzjoni massima mill-Unjoni
Malta			
MT/10/06	8 460	8 460	7 614
Subtotal	8 460	8 460	7 614
Il-Portugall			
PT/10/04	549 713	0	0
Subtotal	549 713	0	0
Total	558 173	8 460	7 614